MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Sadik Mussa**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Sadik Mussa, 23 sena, nazzjonalità Sudaniza, imwieled f'Darfour, is-Sudan fl-1991, iben Mussa u Zeinab, Numru mogħti mill-Pulizija 11D-126. gie akkuzat talli:

F'data mhux maghrufa f' Diċembru 2013, bħala persuna illi imbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta, naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset l-element ta` dwejjaq u frustrazzjoni li persuni bhall-imputat ikunu ghaddejjin minnhom fic-cirkostanzi partikolari tal-hajja taghhom.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta

kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta’ tmintax-il xahar (18) millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------